MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1275/2004

**Elmo Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Paul Vella Haber u l-istess Paul Vella Haber**

**Vs**

**Alfred Francica**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ Lm546.85c (hames mija u sitta w erbghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) rapprezentanti r-risarciment ta’ danni kkagunati mill-konvenut in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara Santa Venera fit-28 ta’ Lulju, 2002 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru BAC 694 habat mal-vettura numru VHP 845, proprjeta’ ta’ l-attur Paul Vella Haber u misjuqa minnu, ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra n-Nota ta' Ammissjoni pprezentata fis-27 ta' Lulju, 2004 li permezz taghha l-konvenut ammetta t-talba attrici.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm546.85c (hames mija u sitta w erbghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------